

KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. fr)

13402/23

LIMITE

JUR 564
INST 362
COUR 26

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI
MEMBRI li taħtar żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja

DEĊIŻJONI (UE) 2023/...
TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI

ta' ...

li taħtar żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mandati ta' tlettax-il Imħallef u ħames Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2024.
- (2) Jenħtieġ li jkun hemm ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perjodu li jibda mis-7 ta' Ottubru 2024 u li jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2030.
- (3) Ġie propost it-tiġdid tal-mandati tas-Sur Constantinos LYCOURGOS u tas-Sur Jan PASSER bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- (4) Ġie propost it-tiġdid tal-mandat tas-Sur Giovanni PITRUZZELLA bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- (5) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin għandhom jinħatru Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2030:

- Is-Sur Constantinos LYCOURGOS,
- Is-Sur Jan PASSER.

Artikolu 2

Is-Sur Giovanni PITRUZZELLA huwa b'dan maħtur Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2030.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Il-President
